**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-8 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 394/08

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Fabian Fleri)

**kontra**

**NOEL GRECH**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 306280(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Noel Grech, iben Jacob u carmen nee' Brignone, imwieled il-Pieta' nhar id-29 ta' Gunju 1980, residenti gewwa 16, Triq Gulliermu, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 306280(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Frar 2008 u matul il-gimghat qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi

perikolusi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kont fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Traffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skkond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tfotni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President t'a Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess teighu u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta,
4. Kellu fil-pussess teighu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
5. Bbalzma jew immonta lil xi ghasfur jew ghamilha ta' balzmatur kemm ghall-skopijiet kummercjali  jew ghal skop personali, jew kellek ghodda, kimici jew apparat iehor li jintuza jew li normalment jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr licenzja mahruga mid-Direttur tad-Direttorat ghall-harsien tal-ambjent fi hdan l-awtorita' ta' malta ghall-ambjent u ippjanar (regolament 21(2) tal-AL 79/2006)

6. Immonta jew ibbalzma xi ghasfur hlief dawk li huma inkluzi fl-iskeda III tal-AL 79/2006;
7. Zamm ghasafar kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmijin fl-Iskeda III tar-regoament tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, regolament 4(1)(f) tal-AL 79/2006 hekk kif emendat bl-AL 39/2007 u AL280/2007;
8. Zamm xi ghasfur kemm haj jew mejjet, jew parti minn ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolament tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvvaggi (AL 79/2006) kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti liema ghasafar ma kinux gew idikjarati u rregistrati mal-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003, regolament 4(1)(e) tal-AL 79/2006 hekk kif emendat bl-AL 39/2007 u AL280/2007.
9. Kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (AL79/2006) u li ma kinux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat, regolament 21(6) tal-AL 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Generali datati l-10 t'Ottubru 2008, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) u tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120° tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghhom, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta mghotija fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2022;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

[1] Fol. 9 - 10 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Il-kaz odjern jirrisali lura ghall-15 ta' Frar 2008 meta waqt *road-check* li kien qed isir mill-Forzi Armati ta' Malta bejn id-disgha u l-hdax ta' filghaxija gewwa triq l-Immakulata, Borma, twaffqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAV 957 li kienet misjuqa minn Robert Muscat. Muscat kien wahdu f'din il-vettura. Mill-provi mressqa jirrizulta li Muscat gie osservat mill-membri tal-Forzi Armati jarmi bott barra mill-vettura hekk kif induna bir-*road-check* u wara li twaqqaf ammetta immedjatament mas-suldati li dak kien tieghu. Dan il-bott kien jikkontjeni madwar hmistax-il pillola blu u hames sachets kontenenti suspettata droga kokaina. Dawn is-sustanzi gew esebiti fl-atti processwali odjerni mill-ispettur Fabian Fleri fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2012 (bhala Dok. FF1) madanakollu minkejja li l-prosekuzzjoni ghamlet it-talba sabiex dawn jigu analizzati u minkejja li l-Qorti laqghet l-istess talba, mir-relazzjoni ipprezentata mill-espert mahtur ghall-analizi ta' dawn is-sustanzi (FF1) kjarament jirrizulta li l-istess espert ma rrelatax dwar dawn is-sustanzi (izda dwar esebiti ohra hekk kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza). Sussegwentament il-Prosekuzzjoni ghaddiet sabiex tghalaq il-provi taghha. B'hekk mill-atti processwali odjerni ma tirrizulta l-ebda prova li s-sustanzi misjuba fil-pussess ta' Robert Muscat kienu effettivament kokaina u ecstasy.

Robert Muscat ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom tant li ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti ai termini tal-artikolu 24A (12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din ix-xhieda, Muscat jikkonferma li hekk kif ra r-road-check huwa kien rema' bott barra mit-tieqa. Jikkonferma li dak il-bott kien tieghu u li kien konsapevoli li kien jikkontjeni hmistax-il pillola ecstasy bl-ittra 'H' fuqhom madanakollu ma kienx jaf li kien jikkontjeni ukoll is-sustanza kokaina hekk kif sussegwentament irrizulta mit-tfittxija tal-pulizija. Fix-xhieda guramentata huwa jghid li l-pilloli ecstasy kien xtrahom minghand certu Noel Grech minn gewwa Bormla ghall-prezz ta' LM190 u kien ser jghaddiehom lil terza persuna li kienet baghtitu jixtrihom ghaliha.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, mill-atti processwali jirrizulta li l-pulizija komplew bl-investigazzjonijiet taghhom fil-konfront tal-qua imputat – Noel Grech. Wara li ottjenew mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-istess imputat, nhar it-28 ta' Frar 2008 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar il-pulizija pprocedew fir-residenza tal-imputat gewwa 16, Triq Guliermu, Bormla. Hemmhekk saret tfittxija fil-prezenza tal-imputat. F'din it-tfittxija nstab: sachet kontenenti hames pilloli u siringa mwahhlin ma' qiegh ta' seat ta' karozza li kien hemm fil-bitha tal-imsemmija residenza; tnax-il pillola go borza tal-plastic zghira bit-tarf mahruq go kontenitur tal-landa fil-kamra tas-sodda kif ukoll ammont

sostanzjali ta' sebgha u disghin ghasfur ibbalzmat kif ukoll sitt ghasafar mejta gewwa freezer. Huwa gie arrestat u l-ghada, cioe' fid-29 ta' Frar 2008 ttiehditlu stqarrija mill-ispettur Pierre Grech fil-prezenza ta' PC349 J. Farrugia wara li nghata bizzejjed informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju. Madanakollu huwa fl-ebda hin ma gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali la qabel u lanqas waqt l-istqarrija. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat inkrimina ruhu rigward l-imputazzjonijiet migjuba. L-imsemmija stqarrija jirrizulta li hija wahda mill-provi determinant ghall-numru ta' imputazzjonijiet migjuba kontrieh mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[2]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Is-sustanzi misjuba mill-pulizija fir-residenza ta' Noel Grech u cioe' s-sachet kontenenti hames pilloli u siringa mwahhlin ma' qiegh ta' seat ta' karozza li kien hemm fil-bitha tal-imsemmija residenza; tnax-il pillola go borza tal-plastic zghira bit-tarf mahruq go kontenitur tal-landa fil-kamra tas-sodda gew esebiti fl-iter processwali mill-ispettur Pierre Grech fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2011 u gew immarkati bhala 'Dok. PG1' u 'Dok. PG2' rispettivament[3]. Fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2014, wara li l-espert originarjament nomina, l-ispizjar Mario Mifsud, irrinunzja ghall-inkarigu mghoti lilu fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2012 (li jien jirrelata biss dwar l-esebit immarkat bhala Dok. FF1), din il-Qorti hatret minfloku lill-ispizjar Godwin Sammut bil-ghan li "janalizza s-sustanza esebita fl-atti"[4]. Minkejja li n-nomina tal-espert Godwin Sammut kienet tirrelata dwar l-esebiti rigwardanti sustanzi kollha u cioe' FF1, PG1 u PG2, l-ispizjar Sammut irrelata biss dwar PG1[5] u PG2[6]. Fil-fatt l-ispizjar Sammut ikkonkluda s-segwenti:

---

[2] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).
[3] Referenza ghall-verbal tat-28.2.2011 (fol. 48 tal-atti processwali) kif ukoll ghax-xhieda tal-ispettur Pierre Grech fl-istess udjenza (fol. 55 u 56 tal-atti processwali).
[4] Fol. 78 tal-atti processwali.
[5] Li mir-rapport tal-espert jaqbel mad-deskrizzjoni mghotija lill-esebit immarkat bil-kodici tal-laboratorju – 189_15_01 (fol. 157 tal-atti processwali .
[6] Li mir-rapport tal-espert jaqbel mad-deskrizzjoni mghotija lill-esebit immarkat bil-kodici tal-laboratorju – 189_15_02

> *"Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizat li hemm fid-dokument 189_15_01 instabet is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru totali ta' dawn il-pilloli kien ta' 4. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> *Illi fuq estratti mehuda mis-siringa, mill-pilloli u mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 189_15_02 ma nstabetx droga."*[7]

B'hekk jirrizulta li l-pilloli MDMA ma nstabux fil-kamra tas-sodda tal-imputat izda taht is-seat ta' karozza li kien hemm fil-bitha.

Fir-rigward tal-ghasafar ibbalzmati li nstabu fir-residenza tal-imputati kif ukoll l-ghasafar iffrizati li nstabu fi freezer gewwa r-residenza tal-imputat, l-ufficjali tal-pulizija jixhdu li kienet saret spezzjoni ohra minn Stanley Gatt fil-prezenza ta' hu l-imputat – David Grech u l-pulizija. Fl-iter processwali odjerni, fis-snin 2011 u 2016, l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud taghha lil Stanley Gatt li dak iz-zmien kien addett mal-MEPA[8] li hija l-precedessur tal-ERA[9] bil-ghan li jixhed dwar l-ispezzjoni li huwa ghamel u r-rizultanzi tal-istess ghal dak li jirrigwarda l-ghasafar ibbalzmatu u l-ghasafar iffrizati li nstabu fir-residenza tal-qua imputat. Gatt jghid li huwa gie kkuntatjat mill-pulizija fit-28 ta' Frar tas-sena 2008 sabiex jaghti l-assistenza tieghu fit-tfittxija li kienet qed issir fir-residenza ta' Noel Grech – 16, Triq Guliermu, Bormla. Gatt jghid li mar fuq il-post u ghamel l-ispezzjoni tieghu fil-prezenza tal-ispettur Fleri u hu l-imputat David Grech. Minn din l-ispezzjoni Gatt ipprepara elenku tal-ghasafar kollha bbalzmati li sab fl-imsemmija residenza. Din il-lista qeghda esebita fl-atti processwali odjerna immarkata bhala Dol. SG1. Din il-lista tammonta ghall-mija sebgha u ghoxrin speci. Gatt ikompli jikkonferma bil-gurament li minn analizi ta' dawn l-ispeci kollha rrizultalu li numru kunsiderevoli minnhom u cioe' sebgha u disghin speci kienu ghasafar protetti li ma jistabux fit-2 u t-3 Skeda tal-Avviz Legali 79/2006 izda uhud minnho adirittura kien mghottija status protett b'mod specjali ai termini ta' Skeda 1 tal-istess Avviz Legali. Lista tal-ghasafar hekk protetti misjuba fir-residenza tal-imputat giet esebita u mmarkata bhala Dok. SG2. Gatt jikkonferma ukoll li fir-residenza ta' Grech instabu ukoll 6 ezemplari ffrizati li huwa ukoll imharsa bil-ligi. Lista ta' dawn is-sitt ezemplari giet esebita u mmarkata bhala Dok. SG3. Fix-xhieda tieghu Gatt jghid ukoll li minn ricerka li ghamel ma jirrizultax li l-qua imputat Noel Grech kien ghamel xi dikjarazzjoni ta' tajr protett bbalzmat kemm mad-dipartiment tal-ambjent u anke mas-successur tal-istess Dipartiment, u cioe' l-MEPA. Dan anke fi zmien meta kienu hargu l-amnestiji ghall-*holders* ta' tajr ibbalzmat fis-sena 1997/1998 u fis-sena 2003. Gatt ikkonferma ukoll li ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' tajr ibbalzmat marbut tal-indirizz tar-residenza tal-imputata. Jghid ukoll li mir-rekords taghhom lanqas

---

7 Fol. 160 tal-atti processwali.
8 Malta Environment and Planning Authority
9 Environment and Resources Authority li kienet istitwita fis-sena 2016.

ma jirrizulta li l-qua imputat kellux xi certifikat jew licenzji li jawtorizzaw iz-zamma ta' karkassi t'ezemplari protetti kemm minn Noel Grech u anke b'referenza ghar-residenza tieghu.

Fil-mori tal-proceduri odjerni, Muscat reggha ha l-pedana tax-xhieda fil-prezenza tal-imputat u dana wara li l-proceduri fil-konfront tieghu saru *res judicata*. Fix-xhieda *viva voce* tieghu huwa gharaf immedjatament lill-imputat bhala Noel Grech u qal ukoll li jafu ghax huwa minn Bormla ukoll u kienu jkunu flimkien. Ikkonferma ukoll li kien proprju minghand Grech li huwa xtara l-pilloli ecstasy. Huwa jispjega li certu habib tieghu, Henry Coleiro (li ma kienx semmieh b'ismu qabel fl-istqarrija guramentata ghax kien jibza minnu), kien baghtu ghand Grech sabiex igib l-ecstasy. Jghid li Coleiro kien tah bott u li huwa ma kienx jaf li Coleiro kien diga kellu s-sustanza kokaina gewwa dan il-bott. Jikkonferma li s-sustanza kokaina ma kienx tahielu Noel izda kienet diga fil-bott li tah Coleiro. Huwa jikkonferma diversi drabi bil-gurament li l-pilloli ecstasy (isemmi disgha jew ghaxra) kien xtrahom minghand Noel Grech ghall-prezz ta' LM190. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu inqratlu ukoll l-istqarrija guramentata li kien irilaxxa quddiem il-Magistrat Inkwerenti u huwa kkonferma l-kontenut taghha bil-gurament. Dakinhar li xehed viva-voce d-difiza ghazlet li ma taghmilx kontro-ezami. Meta Muscat gie ri-prodott sabiex jerggha jixhed fis-sena 2016, tenut kont li d-difiza m'ezentatx lil din il-Qorti mis-smigh mill-gdid tax-xhieda li kienu diga gew mismugha, l-istess Muscat zamm ferm mal-verzjoni tax-xhieda li kien ta' precedentament. Huwa jghid ukoll li Coleiro kien offrielu Eur. 100 sabiex imur igiblu l-pilloli ecstasy minghand il-qua imputat. Itenni li huwa ma kienx konsapevoli li l-bott li kien tah Coleiro kellu s-sustanza kokaina. F'din l-okkazjoni reggha kkonferma bil-gurament l-istqarrija guramentata li kien irrilaxxa fil-prezenza tal-Magistrat Inkwerenti. Huwa reggha gharaf l-qua imputat bhala dak il-persuna li kien mar gab il-pilloli ecstasy minghandu. In kontro-ezami, l-avukat difensur, ikkonfronta lill-istess xhud diversi drabi ghaliex naqas li jsemmi xi dettalji fix-xhieda li huwa kien ta' b'mod precedenti madanakollu x-xhud baqgha konsistenti u kkonferma li huwa dejjem kien qal li meta ra s-suldati kien ippanikja u ghaldaqstant tefgha 'l barra mill-karozza l-bott li kien jaf li jikkontjeni madwar hmistax-il pillola ecstasy. Madanakoll reggha kkonferma li hekk kif ikkonferma fix-xhieda tieghu precedenti huwa ma kienx xjenti tal-fatt li l-istess bott kien jikkontjeni ukoll is-sustanza kokaina u li huwa nduna b'dan meta s-suldati u l-pulizija fethu l-bott quddiemu.

L-imputat, Noel Grech, ukoll ghazel b'mod volontarju li jiehu l-pedana tax-xhieda. Bil-gurament tieghu huwa spjega li fil-perjodu tal-kaz odjern huwa kien jikkonsma l-ecstasy darba fix-xahar meta johrog. Sussegwentament jghid li kien miet huh madwwar xi sitt snin qabel. Jghid li issa ghamel program fi hdan is-Sedqa fejn ilu ghal ghaxar snin imur kull hmistax. Illum il-gurnata ma ghadux jikkonsma l-ecstasy madanakollu baqa' jmur is-sedqa bil-ghan li ma jkollux

relapse. Fir-rigward tax-xhieda ta' Robert Muscat, Grech jispjega li huwa u Muscat kienu hbieb u li ghamlu zmien twil johorgu flimkien. Jghid li qabel il-kaz odjern fis-sena 2008, ghalkemm kien jarah kienu ilhom ma johorgu flimkien xi erba' snin. Jghid li s-sustanza li nstabet fil-pussess ta' Muscat kienet ta' certu Henry Coleiro u biex ma jikxifx lil Coleiro Muscat fi kliem ix-xhud Grech tefgha fuqu ghax kien jibza minn Coleiro. Jghid li dan huwa jafu ghax semghu jixhidha fil-Qorti. Fir-rigward tal-ghasafar ibbalzmati huwa kkonferma li kien xtara l-kollezzjoni minghand terz u li ma kienx informa lill-Awtorita.

B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita' tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh.</u>

**B.1 Imputazzjonijiet bin-numru wiehed (traffikar tal-kokaina) u bin-numru tnejn (pussess aggravat tal-kokaina).**

Mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija kif ukoll mix-xhieda tal-espert tal-Qorti li analizza s-sustanzi li nstabu fir-residenza tal-imputat, ma jirrizultax li l-imputat kien fil-pussess xjenti tas-sustanza kokaina. Mix-xhieda prodott hemm indikat li fil-bott li nstab fil-pussess tax-xhud Robert Muscat kien hemm is-sustanza kokaina. Madanakollu din is-sustanza ma giet qatt analizzata bil-ghan li jigi kkonfermat sal-grad rikjest mill-ligi li dik kienet is-sustanza kokaina. Di piu' u iktar important minn hekk fix-xhieda tieghu viva voce quddiem din il-Qorti, Robert Muscat tenna li minghand l-imputat odjern huwa xtara biss il-pilloli ecstasy u qatt ma kien talba ghas-sustanza kokaina. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalxiex ma temminx il-verzjoni mghotija mix-xhud Muscat tenut kont li l-verzjoni tieghu baqghet dejjem konsistenti minkejja t-trapass kunsiderevoli taz-zmien. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, fuq nuqqas ta' provi, l-qua imputat ser jigi illiberat mill-imputazzjonijiet bin-numru wiehed u tlieta.

**B.2 Imputazzjonijiet numru tnejn (traffikar tal-ecstasy) u numru erbgha (pussess aggravat tal-ecstasy)**

Il-prova determinanti fir-rigward ta' dawn iz-zewgt imputazzjonijiet hija propju t-testimonjanza ta' Robert Muscat. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joe Galea Debono nhar is-6 ta' Jannar 2002 fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. Omar Pisani</u>:

> *"Illi skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali, f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jigguidika fuq il-fatt , hijja bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie privat minn zewg xhieda jew aktar."*

Ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali decizjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud:

> *"titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ".*

Din il-Qorti analizzat fid-dettal it-testimonjanza ta' Muscat kemm hekk kif tirrizulta fix-xhieda guramentata mehuda a tenur tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ix-xhieda li ta *viva voce* quddiem din il-Qorti fiz-zewg okkazzjonijiet li gie ngunt biex jaghmel dan u cioe' f' Marzu tas-sena 2010[10] u f'Mejju tas-sena 2016[11]. Fil-verzjoni tieghu huwa baqgha dejjem konsistenti u dan minkejja t-trapass taz-zmien. Di piu' l-verzjoni li ta ghandha mis-sewwa. L-involviment tieghu huwa bl-ebda mod ma hbieh anzi rrefera ghalih u qal li kien ha jithalls Eur. 100 sabiex imur jixtri s-sustanza ecstasy ghall-habib tieghu. Kien car bizzejjed u qal li Noel Grech ma kellu l-ebda involviment ghal dak li jirrigwarda s-sustanza kokaina. Ghaldaqstant ma jidhirx li ried iwahhal fl-imputat akkost ta' kollox. Di piu' irid jinghad li parti mix-xhieda tieghu tikkumbaca u hija msahha b'dak li sabu l-pulizija fit-tfittxija taghhom fir-residenza tal-imputat. Fil-fatt, Muscat jispjega li l-imputat kien mar igib l-ecstasy minn fuq u fil-fatt il-pulizija kienu sabu xi pilloli fil-kamra tas-sodda (dan meta mix-xhieda tal-pulizija jirrizulta car li r-residenza tal-imputat kien fiha zewg sulari tenut kont li kien instab seat ta' karozza gewwa bitha). Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li t-testimonjanza ta' Robert Muscat ghandha mis-sewwa u hija wahda kredibbli.

Stabbilit dan wiehed irid necessarjament jara jekk l-imputazzjonijiet numru tnejn jew erbgha jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Fl-ewwel lok irid jinghad li mill-atti processwali ma tressqet l-ebda prova dwar in-natura jew il-klassifikazzjonijiet tal-pilloli li nstabu mis-suldati fuq ix-xhud Robert Muscat li gew esebiti fl-atti processwali bhala Dok. FF1. Ghaldaqstant din il-Qorti hija sprovista mill-prova li l-pilloli li nxtraw minn Muscat minghand il-qua imputat kienu effettivament ecstasy.

Di piu' Muscat jispjega li meta mar biex jixtri l-pilloli minghand il-qua imputat, dan tal-ahhar mar gab il-pilloli minn fuq[12]. Mit-tfittxija li ghamlu l-pulizija rrizulta li huma sabu pilloli fil-bitha u fis-sular ta' fuq gewwa l-kamra tas-sodda. Mill-analizi li saret mill-espert tal-Qorti jirrizulta li fil-pilloli li nstabu fil-bitha

[10] Fol. 39 tal-atti processwali
[11] Fol. 102 tal-atti processwali
[12] Fol. 8 tal-istqarrija guramentata.

instabet is-sustanza MDMA filwaqt li fil-pilloli li nstabu fil-kamra tas-sodda ma nstabitx is-sustanza MDMA. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti, anke fin-nuqqas ta' prova diretta ta' kienu l-pilloli li Grech biegh lil Muscat, ghandha dubbju taghha kemm dawn kellhom is-sustanza MDMA tenut kont ir-rizultanzi dwar il-pilloli li nstabu fil-kamra tas-sodda.

Madanakollu jibqa' l-fatt li skond ix-xhieda ta' Robert Muscat huwa mar ghand Noel Grech bil-ghan li jixtri l-pilloli ecstasy. Skond l-istess xhieda Grech offrielu u ghaddielu l-pilloli ecstasy ghall-prezz ta' LM190.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat li traffika d-droga ecstasy. Ai termini tal-artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta d-definizzjoni ta' 'traffikar' tinkludi:

> *"(1B) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kienetx għall-użu esklużiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza:"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti (diversament ippreseduta) f'sentenza mghotija fl-ismijiet il-Pulizija vs. Ronald Psaila, datata t-12 t'Ottubru 2021 ddikjarat:

> *"Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna toffri li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, persuna turi, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda millazzjonijiet indikati. In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "Offering to Supply" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "An offer may be made by words or conduct ... Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply"* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Wara appell li gie ntavolat minn din is-sentenza hawn fuq citata, l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri), f'sentenza datata t-8 ta' Jannar 2002 ddikjarat is-segwenti:

> *"L-appellant instab hati skond l-ewwel imputazzjoni ghas-semplici raguni li d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artkolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' minn joffri li jipprovdi d-droga. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, <u>appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar</u> fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar. Is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 ma johloqx ir-reat jew il-figura tat-tentattiv, izda semplicement jipparifika, ghall-finijiet ta' piena, it-tentattiv ta' kull reat kontra l-Kap. 101 (kif ukoll certi forom ta' komplicita` -- fid-dawl ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 9, hemm certament element ta' suprefluwita`) mar-reat ikkunsmat"* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Dan l-insenjament reggha gie ikkonfermat fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) mghotija nhar is-16 ta' Dicembru 2015 fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. Roberta Mulvaney</u>. Fil-fatt f'din is-sentenza gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Illi din il-Qorti tinsab perpless kif l-appellanti ressqet tali ilment meta dan ma jirriskontrax ruhu fid-decizjoni appellata. Dan qed jinghad ghaliex l-Ewwel Qorti fid-decizjoni ghaqlija milhuqa minnha ghamlet evalwazzjoni tant bir-reqqa tal-provi li kellha quddiemha bil-kontradizzjonijiet kollha li kien fihom, illi wasslet sabiex skartat ghal kollox l-istqarrijiet rilaxxjati minn dina ix-xhud lill-pulizija fejn hija implikat lill-appellanti bhala il-persuna li indahhlet biex tfornielha id-droga u strahet fuq ix-xhieda moghtija minnha meta din ghamlet retraction sabiex tehles lill-appellanti minn kull htija! Kwindi l-evalwazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti ma kenitx ibbazata fuq kontradizzjonijiet, kif tallega l-appellanti fl-impunjattiva taghha, illi minhabba fihom allura kellu ikun hemm xi dubbju dwar ir-reita' taghha. <u>Dan ghaliex ex admissis l-appellanti tghid illi meta Decelis ghaddietilha xi flus biex hija tipprokuralha id-droga meta tmur il-Qorti minn ghand terz li kien ser ikun prezenti ukoll fil-bini tal-qorti, hija accettat li taghmel dan ghalkemm, dan il-fatt ma immaterjalizzax ruhu u allura l-appellanti ma ghamlitx dak li kienet wiegehdet lil Decelis li kellha taghmel. Mal-accettazzjoni taghha u it-tehid tal-flus minn ghand Decelis ghal dan il-ghan, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, immatterjalizza ruhu kemm l-element formali kif ukoll dak materjali tar-reat ta' traffikar</u>*

*kif imfisser fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta" (sottolinear ta' din il-Qorti)*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, irrid jinghad allura li mal-mument li Muscat iltaqa ma Grech fejn talbu jbieghlu l-pilloli ectasy u Grech min-nahha tieghu accetta u offrielu l-imsemmija pilloli tant li kien hemm adirittura pagament ghal dawn il-pilloli r-reat ta' traffikar immaterjalizza. Fid-dawl tal-kazistika hawn fuq citata huwa irrelevanti jekk il-pilloli effettivament kienux ecstasy jew le galadarba r-reat gi kkonsmat mal-mument li Grech offra l-pilloli lil Muscat. Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni li tirrigwarda t-traffikar tal-ecstasy giet sodisfacentament ippruvata.

In kwantu ghall-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-ecstasy, fid-dawl tan-nuqqas ta' prova konkreta dwar l-analizi tas-sustanza esebita u mmarkata bhala FFI (hekk kif spjegat iktar qabel f'din is-sentenza), l-prova determinanti f'dan ir-rigward hija s-sejba t'erba' pilloli ecstasy taht seat ta' karozza li kien jinsab fil-bitha fir-residenza tal-imputat. L-imputat, anke fix-xhieda tieghu fl-ebda istanza ma kkontesta l-pussess ta' dawn il-pilloli. Ghaldaqstant tenut kont ta' dan kif ukoll tenut kont li dawn instabu fir-residenza tieghu l-prosekuzzjoni rnexxielha sodisfacentament tipprova li l-pilloli ecstasy instabu fil-pussess tal-imputat.

Ghaldaqstant dak li jonqos li jigi determinat huwa jekk il-pilloli ecstasy kienux intizi ghall-uzu esklussiv tal-imputat jew altrimenti ghall-ispacc. Jibda biex jinghad li fix-xhieda tieghu l-imputat iddikjara bil-gurament li huwa kien jikkonsma okkazzjonalment is-sustanza ecstasy. Jghid li din kien jaghmilha darba f'xahar fejn kien jikkonsma bejn zewg jew tlett pilloli. Irid jinghad ukoll li l-ammont ta' pilloli ecstasy misjub fil-pussess tal-imputat ma kien dak t'erba' pilloli.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Ernest Briffa[13] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li*

[13] 26.1.2011

*l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*
*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li fl-istess jiem li l-imputat nstab fil-pussess tal-pilloli ecstasy huwa kien offra l-istess sustanza ghall-bejgh lil Muscat. Fid-dawl ta' din ic-cirkostanza din il-Qorti hija tal-fehma li minn tal-inqas jirrizulta li l-pilloli ecstasy fil-pussess tal-imputat ma kienux intizi esklussivament ghall-uzu tieghu u ghaldaqstant anke l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-ecstasy giet sodisfacentament ippruvata mill-prosekuzzjoni.

### B.3 Imputazzjoni numru hamsa rigwardanti l-ibbalzmar ta' ghasafar minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' Kompetenti u imputazzjoni numru sitta rigwardanti ibbalzmar t'ghasafar li ma humiex inkluzi fi Skeda III tal-Avviz Legali 79/2006

B'referenza ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet irid jinghad li wiehed mill-elementi li l-prosekuzzjoni trid tipprova f'kull kaz huwa li persuna tkun ibbalzmat jew altrimenti immontat ghasfur. Fil-kaz odjern l-imputat instab fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta ghasafar ibbalzmati madanakollu din il-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe prova li tindika li kien propju l-qua imputat li effettivament

ibbalzma jew immonta l-immsemija ezemplari. Fix-xhieda taghhom l-ufficjali tal-pulizija li ghamlu t-tfittxija fir-residenza tal-imputat u anke x-xhud Stanley Gatt li ghamel spezzjoni fl-istess residenza fl-ebda hin ma jaghmlu referenza ghall-fatt li sabu xi oggetti fl-imsemmija residenza li turi li kien qed isir process ta' ibbalzmar. Irid jinghad ukoll li fix-xhieda tieghu, l-imputat, iddikjara li huwa kien xtara din il-kollezjoni ta' ghasafar ibbalzmati minghand terza persuna. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda prova li tista' b'xi mod tikkuntrarja din id-dikjarazzjoni. Ghaldaqstant fid-dawl tan-nuqqas ta' prova li l-imputat kien qed jibbalzma jew jimmonta l-ghasafar, din il-Qorti ser tillibera lill-qua imputat minn dawn iz-zewgt imputazzjonijiet.

## B.4 Imputazzjoni numru sebgha, zamma ta' ghasafar mhux inkluzi fit-tielet skeda tal-Avviz Legali 79/2006 u imputazzjoni numru tmienja, zamma ta' ghasafar li ma gewx iddikjarati mal-Awtorita.

Mill-provi mressqa jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu ghasafar ibbalzmati, fejn uhud minnhom ma kienux jaqghu that l-iskeda II jew III tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Fil-fatt mix-xhieda ta' Stanley Gatt jirrizulta li kien hemm numru ta' ghasafar ibbalzmati li adirittura l-ligi ttihom status specjali ta' protezzjoni taht l-iskeda I tal-istess Avviz Legali. Kemm Stanley Gatt kif ukoll l-imputat fix-xhieda taghhom jikkonfermaw li dawn l-ghasafar ibbalzmati ma kienux irregistrati mal-Awtorita' kompetenti. Stanley Gatt imur oltre u jiddikjara li lanqas ir-residenza tal-imputat ma kienet irregistrata bhala post li fih hemm l-ghasafar ibbalzmati, Ghaldaqstant u wara li din il-Qorti hadet kont tal-emendi li saru lill-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 permezz tal-Avviz Legali 39 tas-sena 2007 u 280 tas-sena 2007 biss (galadarba l-allegat reat sehh fi Frar tas-sena 2008), hija tal-fehma li dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ukoll sodisfacentament ippruvati mill-prosekuzzjoni.

## B.5 Pussess ta' ghasafar ibbalzmati mhux inkluzi fl-iskeda III li ma kienux gew irregistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat

Hekk kif inghad fis-sezzjoni precedenti ta' din is-sentenza mix-xhieda ta' Stanley Gatt jirrizulta li fir-residenza tal-imputat kien hemm numru ta' ghasafar ibbalzmati li adirittura l-ligi ttihom status specjali ta' protezzjoni taht l-iskeda I tal-istess Avviz Legali. Kemm Stanley Gatt kif ukoll l-imputat fix-xhieda taghhom jikkonfermaw li dawn l-ghasafar ibbalzmati ma kienux irregistrati mal-Awtorita' kompetenti. Stanley Gatt imur oltre u jiddikjara li lanqas ir-residenza tal-imputat ma kienet irregistrata bhala post li fih hemm l-ghasafar ibbalzmati, Ghaldaqstant u wara li din il-Qorti hadet kont tal- Avviz Legali 79 tas-sena 2006 (hekk kif promulgat originarjament) partikolarment ir-regolament 21(5) tal-istess Avviz Legali, hija tal-fehma li din l-imputatzzjoni giet ukoll sodisfacentament ippruvata mill-prosekuzzjoni.

C. Piena

Illi ai fini ta’ piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati, liema reati necessarjament igibu maghhom piena karcerarja efettiva. Hadet ukoll qies tal-ammont u l-kwalita tad-droga nvoluta in kwantu ghal dak li jirrigwarda t-traffikar kif ukoll il-pussess aggravat. Din il-Qorti qieset ukoll il-fatt li l-imputat iddikjara li huwa kien jikkonsma d-droga ghalkemm dan jidher li kien uzu okkazzjonali. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet sebgha, tmienja u disgha, din il-Qorti qieset il-ligi kif kienet in vigore fis-sena 2008, liema pieni kienu ferm inqas minn dawk il-pieni li huma in vigore prezentament. Ghaldaqstant il-Qorti applikat il-piena l-iktar favorevoli ghall-imputat. Rigward il-konfiska tal-ghasafar ibbalzmati din il-Qorti tinnota li galadarba dawn ma gewx esebiti fl-atti processwali odjerni hija ma tistax tordna l-konfiska tal-istess. Din il-Qorti qieset ukoll it-trapass kunsiderevoli ta’ zmien mid-data tar-reati addebitati lill-imputat sallum. Hafna minn dan id-dewmien kien attribwibbli lid-difiza ghaliex fl-ewwel lok meta kien hemm bida fil-gudikanti ma kienux ezentaw lill-Qorti mis-smiegh mill-gdid tal-provi u sussegwentament kien hemm dewmien esagerat sabiex jitressqu l-provi tad-difiza. Fil-fatt ta’ min jinnota li l-ewwel differiment ghall-provi tad-difiza kien fis-sena 2017 u minkejja t-trapass ta’ hames snin l-unika prova li tressqet kienet it-testimonjanza tal-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 hekk kif sussegwentament emendat kif ukoll l-artikolu 120A(1)(a), (1B) u (2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 4(1)(e), (f) u 21(5) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif gie sussegwentament emendat bl-Avvizi Legali numru 39 tas-sena 2007 u numru 280 tas-sena 2007, qed issib lill-qua imputat, **Noel Grech** mhux hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tat-tieni, r-raba’, s-seba’, t-tmienja, u d-disa’ imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament din il-Qorti qed tikkundaha lill-istess Noel Grech ghall-piena ta’ erbatax-il xahar prigunerija effettiva kif ukoll ghall-multa ta’ elf u hames mitt Ewro (Eur. 1,500) li a tenur tal-artikolu 14 tal-Kodici Kriminali jistghu jithallsu b’rati mensilli u konsekuttivi ta’ mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F’kaz li l-hlas ikun ha jsir b’rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b’dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Noel Grech sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 445.51 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tlett snin millum.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur